# DISKORS MILL-ONOR LAWRENCE GONZI, PRIM MINISTRU GĦAL WAQT IĊ-ĊERIMONJA TAL-FTUĦ TAD-DJALOGU 5+5, BERĠA TA' KASTILJA – IL-ĠIMGĦA 5 TA' OTTUBRU 2012

Eċċellenzi
Mistiedna distini
Sinjuri

Nagħtikom merħba ġewwa Malta għal dan it-tieni laqgħa storika ta' Kapi ta' Stat u Gvern tad-Djalogu 5+5.

F'isem il-poplu Malti, kburi nilqagħkom bil-lingwa Maltija – lingwa semitika mifhuma minn ħafna fid-dinja Għarbija u fl-istess ħin rikonoxxuta bħala lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hija lingwa mgħaġuna fl-istorja ta' pajjiżna u tar-reġjun. Dan il-baħar tagħna Mediterran mhux fruntiera li tifridna, izda pont li jgħaqqadna bħala pajjiżi, fl-istorja, fil-kultura, fil-kummerċ u bejn il-popli.

Huwa b'dan l-ispirtu ta' għaqda u fraternità li rridu nħarsu 'l quddiem hekk kif infasslu l-ġejjieni ta' dan ir-reġjun. Dan huwa d-dover tagħna lkoll.

Il-ġrajjiet li seħħew fl-Afrika ta' Fuq u f'partijiet oħra tad-dinja Għarbija huma ta' proporzjonijiet storiċi. Assistejna u għadna qegħdin nassistu għal tibdiliet kbar fi ħdan il-pajjiżi ta' dan ir-reġjun. Dak li ġara fl-aħħar xhur ser ikollu konsegwenzi kbar u dejjiema mhux biss għall-popli u l-pajjiżi nfushom tar-reġjun, iżda anki għall-bqija tad-dinja, partikolarment l-Ewropa.

Il-folol fit-toroq ta' Benghazi, Tripli, Misurata, Tuneż u l-Kajr issieltu u taw ħajjithom f'isem il-valuri komuni.

Rajna l-poplu tar-reġjun jesprimi x-xewqa għal futur aħjar, għad-demokrazija, għar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u għal ħajja aħjar u aktar dinjituża, għalihom, għal uliedhom u għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-kuraġġ tagħhom iwassal il-messaġġ għal ħajja aħjar għall-popli tar-reġjun u rispett akbar lejn id-drittijiet tal-bniedem, il-pluraliżmu, il-ġustizzja soċjali u l-libertajiet fundamentali li huma l-qofol tal-valuri tagħna.

Għalhekk huwa magħhom u għalihom li qegħdin naħdmu llum.

Eċċellenzi,

Ninsabu miġburin biex nevalwaw il-ġejjieni tagħna f'dan il-kuntest ġdid Mediterranju. Ix-xewqa tagħna bħala sħab Ewropej hija li nibnu r-relazzjonijiet futuri tagħna skont il-potenzjal tal-pajjiżi u tal-popli kollha tar-reġjun Nord Afrikan. It-tama tagħna hija li naraw it-tmiem tal-vjolenza darba għal dejjem.

Waqt li lkoll inkomplu l-isforzi tagħna fir-reġjun, irridu nevitaw li nieħdu pożizzjoni komuni għal pajjiżi kollha f'daqqa. Huwa veru, li r-rivoluzzjonijiet fir-reġjun kellhom bosta kawżi komuni: reġimi awtoritarji, in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol, il-ksur tad-drittijiet umani u s-soppressjoni tal-libertajiet fundamentali. Madankollu, kull wieħed minn dawn il-pajjiżi huwa differenti u huwa essenzjali li niżviluppaw djalogu uniku biex nassiguraw appoġġ adegwat għat-transizzjoni mibni fuq ftehim reċiproku.

Ilkoll nafu li l-proċess tad-demokratizzazzjoni u t-transizzjoni ser ikun wiehed twil. F'dan il-kuntest m'ghandna qatt ninsew l-interessi fit-tul taghna. Iva, esperjenzajna mewġiet dejjem jikbru ta' immigranti illegali lejn l-Ewropa. Iva, hemm il-possibbiltà ta' inkwiet ċivili u instabbilità. Iva, hemm il-prezzijiet jogħlew taż-żejt, kif ukoll in-nuqqas fl-investiment u fil-kummerċ. Idan dan m'ghandux itellifna mill-iskop ahhari taghna: Dak ta' Afrika ta' Fuq demokratika, stabbli u li tgħix fil-prosperità u l-paċi.

Hekk kif tibda tmexxija gdida f'dawn il-pajjizi, l-Ewropa m'għandhiex tibża minn suċċessi ispirati mill-Iżlam. Bi storja u destin komuni fil-baħar Mediterran, l-atturi kollha – Ewropej u Għarab – jeħtieġ li jindirizzaw flimkien il-bosta sfidi tar-reġjun. Jeħtieġ li nagħtu bidu għal djalogu politiku li għandu bżonn għarfien reċiproku u rispett tal-valuri universali. Il-*European Neighbourhood Policy* għandha rwol vitali f'dan ix-xenarju.

L-għan huwa wieħed ċar: li nġibu 'l quddiem demokrazija soda u sostenibbli u flimkien magħha l-prosperità ekonomika.

Nafu tajjeb li d-demokrazija ma tfisser xejn mingħajr l-impjiegi, mingħajr il-prosperità ekonomika u mingħajr provista ta' ikel u sigurtà.

Huwa essenzjali li nilqgħu għall-isfidi ekonomiċi biex it-transizzjoni tirnexxi. Il-mexxejja f'dan ir-regjun jeħtieġ li jipprovdu tkabbir ekonomiku u impjiegi biex jirrispondu għall-frustrazzjonijiet ekonomiċi taż-żgħażagħ li kienu l-forza ewlenija tar-rivoluzzjonijiet. Sfortunatament, il-kuntest ekonomiku internazzjonali u Ewropew flimkien mal-inċertezzi bħala riżultat tat-transizzjonijiet, qegħdin joffru sfidi sostanzjali lill-kummerċ, l-investiment u t-turiżmu.

Minhabba f'hekk, jehtieg li nżidu l-attività tagħna biex nibnu mill-ġdid il-qafas ta' kooperazzjoni reġjonali. Kemm jekk politiċi, soċjali, ekonomiċi jew ta' sigurtà, ħafna sfidi jistgħu jiġu ffaċċjati biss permezz ta' kooperazzjoni reġjonali akbar kemm bejn il-popli kif ukoll l-gvernijiet kollha tar-reġjun.

It-trasformazzjoni ta' pajjiż ma tehtieġx biss ir-rieda politika u x-xogħol iebes ta' gvern leġittimu. Teħtieġ bidla fis-soċjetà kollha kemm hi bil-popolazzjoni li tifhem u tħaddan it-tibdiliet meħtieġa. Għalhekk, tgħallimna ħafna fuq ir-rwol ewlieni li għandhom l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'dan il-proċess u fl-isforzi tagħna ta' kooperazzjoni jeħtieġ li nkunu inklussivi – inklussivi mal-politiċi, mas-settur ekonomiku u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Il-fatt li qegħdin hawn illum għad-Djologu tal-5+5 jikkonferma t-twemmin u x-xewqa tagħna li nkabbru l-kooperazzjoni reġjonali. Huwa sinjal ċar li aħna, bħala pajjiżi sħab, irridu naħdmu flimkien lejn it-tisħiħ tar-reġjun Mediterranju.

Inħarsu wkoll 'il quddiem biex nikkontribwixxu u naħdmu ma' organizzazzjoniet oħra reġjonali bħall-Lega Għarbija u l-Unjoni tal-Mediterran. Konxja tad-diffikultajiet li fixklu dan il-proċess, Malta tibqa' kommessa għal-Unjoni tal-Mediterran. Nemmnu li l-Unjoni tista' tkun il-katalist biex jiżviluppaw proġetti konkreti li jagħtu l-frott li jista' jkollhom l-appoġġ ta' stati membri, tas-settur privat u tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

Il-fatt li ninsabu hawn huwa impenn biex niskopru l-potenzjal uman u ekonomiku vast u li għadu ma ġiex sfruttat kif jixraq ir-reġjun tagħna. Malta temmen li d-Djalogu tal-5+5 huwa wkoll dwar ċentri edukattivi reġjonali aktar b'saħħithom, dwar l-enerġija alternattiva, it-trasport, is-sigurtà fl-ikel, it-tkattir tal-kummerċ u ħafna aktar inizjattivi li jistgħu joħolqu tkabbir u, ferm iktar importanti, l-impjiegi li r-reġjun għandu bżonn.

Eċċellenzi

Huwa għalhekk li nikkunsidraw il-ħidma tagħna hawn Malta bħala ta' importanza kbira.

Ħafna mir-raġunijiet tan-nuqqas ta' sigurtà fir-reġjun tagħna huma marbuta ma' kwistjonijiet tanġibbli u huwa għalhekk dmirna li nsibu soluzzjonijiet u proġetti ta' kooperazzjoni.

Dan l-ispirtu ta' kooperazzjoni jagħmel minn kull wieħed u waħda minnha sieħeb importanti fis-sigurtà u l-prosperità kollettiva tar-reġjun.

**Grazzi.**